# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH

**DISTRETT QORMI**

**Pulizija**

**Vs**

**Lawrence Gerada**

**Illum, 16 ta' April, 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni mressqa kontra Lawrence Gerada bil-karta tal-identità tiegħu bin-numru 857437M, fejn ġie akkużat talli fil-25 ta' Diċembru 2018, għall-ħabta tal-10.00hrs, u fil-ġranet ta' wara din id-data, ġewwa residenza no 36, St Anthony, fi Triq it-Tin, Ħal Qormi, mingħajr il-ħsieb li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li ppretenda li għandu, ġiegħel b'awtorità tiegħu nnfisu, u għalaq u biddel is-serratura tal-post u garaxx fuq imsemmi, u dan mingħajr permess. Il-Qorti ġiet mitluba li f'kaz ta' ħtija, tapplika l-Art. 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet ix-xhieda;

Rat l-atti tal-kawżi fl-ismijiet, Pulizija vs Lawrence Gerada ghal dak li jirrigwarda l-inċident tad-9 ta' Frar 2019, kif ukoll rat l-atti tal-kawżi fl-ismijiet, Pulizija vs Marcelle Xuereb, Pulizija vs Lawrence Gerada u Pulizija vs Harold Gerada, li jirrelataw dwar l-inċident tal-5 ta' Frar 2019, u dana in vista tal-qbil li sar bejn il-Prosekuzzjoni, parte ċivile u difiża waqt is-smigħ tal-kawża, liema qbil ġie vverbalizzat f'diversi verbali waqt is-seduti miżmuma.

Rat l-atti kollha ta' din il-kawża.

**Ikkunsidrat;**

In suċċint il-provi li ngħabru f'din il-kawża u fil-kawżi li kienu qed jinstemgħu flimkien ma' din il-kawża, liema provi jgħoddu wkoll f'din il-kawża, huma s-segwenti:

**WPC 329 T Azzopardi** xehdet permezz ta' affidavit, fejn spjegat li fil-5 ta' Frar, 2019, Lawrence Gerada rrapporta li ibnu Harold Gerada u Marcelle Xuereb, kienu marru fir-residenza tiegħu. Spjegat li Lawrence Gerada kien fi stat ta' paniku u ta' biża'. Spjegat li Lawrence qalilha li ibnu u l-*partner* tiegħu, kienu ġew id-dar biex jieħdu xi affarijiet minn hemm, u huwa kien talabhom biex ma jidħlux. Spjegat li Lawrence infurmaha li ibnu beda jimbottah 'il ġewwa, u Lawrence beda jilqa' biex ma jidħolx. WPC 329 kompliet tgħid li Lawrence Gerada sostna li ibnu ma weġġħux, iżda huwa ma kienx jiflaħ għal ibnu. Spjegat li Lawrence kien qalilha li l-*partner* ta' ibnu kienet għajritu bi kliem dispreġġjativ. Sostniet li Lawrence infurmaha li ibnu xorta daħal u ħa xi affarijiet mid-dar.

WPC 329 kompliet tgħid li meta tkellmet ma' Harold Gerada, dan spjegalha li huwa għandu nofs il-proprjetà ta' missieru, u kien mar biex jieħu xi affarijiet tiegħu. Spjegalha wkoll li ħuh kien infurmah li missieru ma riedx jagħtih dawn l-affarijiet. Sostniet li Harold Gerada nnega li mbotta lil missieru, u addirittura dan qal li kien missieru li mbotta lilu. Meta tkellmet ma' Marcelle Xuereb, din sostniet li hija ma kellmitx lil Lawrence Gerada.

**WPS161 T Camilleri** ppreżentat affidavit fejn spjegat li fid-9 ta' Frar, 2019, għal xi 9.35 hrs, Harold Gerada rrapporta li missieru, Lawrence Gerada, kien biddillu s-serratura tar-remissa fi Triq San Benedittu, Ħal Qormi, u li huwa għandu nofs indiviż minn din il-proprjetà. Spjegat li dan qal li kellu xi affarijiet ġo fiha u kellu bżonnhom. Fis-17 ta' Frar, 2019, ġie mitkellem Lawrence Gerada, li ma riedx jiffirma dikjarazzjoni tad-dritt tal-avukat, u fejn qal li l-post huwa tiegħu, kien xtrah huwa stess, u rranġah hu wkoll.

**PS 1502 R Grech** ippreżenta affidavit fejn spjega li fil-25 ta' Diċembru, 2018, għal xi 10.30hrs, irrapporta Harold Gerada, illi kien sab il-proprjetà tad-dar matrimonjali ta' ommu u ta' missieru, fi Triq it-Tin, Qormi, iżda s-serratura tal-bieb ta' barra ġiet mibdula minn missieru, Lawrence. Spjega li Harold Gerada nsista li dan il-bdil sar illum, għax sal-bieraħ, kien kollox sew. Spjega li Harold Gerada qal li huwa werriet ta' ommu, u li ħuh, John Gerada, kien għamel xi xogħolijiet fil-garaxx għal missieru, u li b'konsegwenza ta' dan, huwa lanqas ma jista' jidħol fil-garaxx. Spjega li huwa rnexxielu jiftaħ biċ-ċavetta li għandu l-garaxx, iżda mbagħad, sab ħadida wara l-bieb, li biha ma setgħax jiftaħ u jidħol fil-garaxx. Spjega li Harold Gerada kien infurmah li fir-rigward tal-proprjetà li hemm fi Triq San Benedittu, Qormi, sa issa kollox kien sew. Spjega li Harold Gerada kien ipproduċa wkoll, il-kuntratt minn fejn kien qed isostni t-titlu tiegħu. Spjega li meta sar kuntatt ma' Lawrence Gerada, dan qal li hemm xi kawża, u li ried ikellem lil avukata tiegħu. Kompla jgħid li Harold Gerada, reġa' mar l-Għassa, fejn qal li huwa kellu l-indirizz fuq dik id-dar, u li kien qed jistenna xi ittri importanti. Spjega li meta reġa' ġie mitkellem Lawrence Gerada, dan qallu li x-xoghol tal-Pulizija irid jitwettaq, u li l-avukata tiegħu kienet qaltlu li dan kollu mertu ta' kawża ċivili.

**Lawrence Gerada** xehed li fl-5 ta' Frar, 2019, kien qiegħed jirranġa bieb tal-garaxx, u ġie għalih ibnu. Qal li ibnu mbuttah, u l-*partner* tiegħu daħlet ħadet il-*power wash*. Spjega li l-*partner* ta' ibnu bdiet tgħajjru u tinsulentah. Huwa sostna li dawn daħlu f'daru. Sostna li huwa ma jiftakarx xi kliem intqal fil-konfront tiegħu għaliex ixxukkja ruħu. Iżda l-kliem kien wieħed ta' tgħajjir. Huwa ċaħad li ħebb għal ibnu, anke in vista tal-età tiegħ u. Insista li kien ibnu Harold li mbuttaħ fil-bieb tal-garaxx. Sostna li wara l-mewt ta' martu, Harold Gerada beda jidħol u joħroġ x'hin irid, u anke jinsulentah. Sostna li dan beda jħalli mbarazz fid-dar. Sostna li beda jsib affarijiet neqsin mid-dar ukoll.

In kontroeżami, huwa sostna li hu u Harold bdew jimbuttaw lil xulxin. Spjega li Marcelle Xuereb daħlet minn taħtu u bdiet tgħajjru. Sostna li mbagħad Harold

irnexxielu jimbuttah u daħal, filwaqt li ħa l-*clamps*. Sostna li d-dar in kwistjoni, hija dik matrimonjali li bena hu. Sostna li huwa kien dejjem jiġġieled ma' martu minħabba l-vizzju tal-logħob li kellha.

Lawrence Gerada kompla bix-xhieda tiegħu, fejn qal li Marcelle Xuereb kienet ġol-karozza dakinhar tal-inċident u daħlet tiġri, u bdiet tinsulentah u tgħajjru. Insista li lil martu kien jagħtiha flus. Sostna li martu kellha l-vizzju tal-logħob, u kienet tilgħab il-flus li kien ikollha. Insista li Harold kien jieħu mid-dar dawk l-oġġetti li kienu tajba.

F'seduta oħra, Lawrence Gerada insista li Harold Gerada kien ilu għal erba' snin li telaq mid-dar, u fi żmien meta kienet għadha ħ ajja ommu. Meta żżewwġet it-tifla tiegħu fit-23 ta' Mejju, 2016, huwa kien diġà ma għadux joqgħod fid-dar. Sostna li meta kien jirċievi xi posta ndirizzata lil ibnu, kien jibgħatha lura. Sostna li Harold ħalla xi affarijiet hemmhekk.

In kontroeżami, Lawrence Gerada sostna, li kien hemm każ ta' separazzjoni bejnu u bejn martu. Huwa kkonferma li meta martu kienet l-Isptar Karen Grech, huwa kien biddel is-serratura tal-bieb.

In rieżami, huwa qal li jrid garanzija għaliex irid jipproteġġi lilu nnifsu.

**Harold Gerada** xehed li fl-4 ta' Frar, ċempel lil ħuh Johnny. Dana peress li fil-25 ta' Diċembru, missieru kien fettilu jagħlaq is-serratura ta' dar martimonjali. Sostna li fl-4 ta' Frar, ċempel lil ħuh, u qallu li għandu bżonn il-*Hoover*. Sostna li ħuh kien kellem lil missieru, u mbagħad infurmah li missieru ma riedx jagħtih dan il-*Hoover*. Sostna li huwa ra l-bieb miftuh tal-garaxx. Sostna li huwa ħa l- *Hoover,* u x'ħin daħal biex jieħu l-*powerwash*, missieru laqgħu bil-bieb b'kollox, u beda jimbottah. Sostna li kien huwa li għajjat lil Marcelle. Sostna li huwa, kulma qal lil missieru kien, li huwa għandu nofs il-post. Insista li Marcelle ma tkellmux lil missieru. Insista wkoll li kien hu li kien idur b'ommu.

F'seduta oħra, huwa kompla jeżebixxi dokumenti biex jipprova li huwa għandu nofs id-dar, u kif ukoll kopja ta' rapporti li kienu saru. Sostna li dakinhar tal-inċident, huwa ha l-*Hoover,* u hu u dieħel għall-*power wash*, ġie missieru fuqu u mbuttah.

Sostna li huwa għ,ajjat lil Marcelle Xuereb u din ħadet il-*power wash* u imbagħad telqu. Reġa' nsista li Marcelle Xuereb ma qalet xejn lil missieru.

In kontroeżami, huwa sostna li jorqod ġol-karozza. Huwa sostna li l-aċċess li kellu għad-dar, ingħalaq fil-25 ta' Diċembru, 2018. Sostna li dan ingħalaq minn missieru u ħuh, li kienu għamlu stanga mal-bieb, għax skont ħuh, missieru kien qed jibża', peress li kienu ġew iħabbtulu mal-bieb. Sostna li missieru, fl-inċident mertu ta' din il-kawża, kien qallu biex ma jidħolx fil-garaxx, u huwa kien irrispondih li huwa għandu nofsu. Insista li kellu bżonn il-*Hoover*. Huwa spjega bil-ġurament tiegħu, li jkun hemm perijodu fejn kien qed jorqod fil-karozza, u perijodu fejn kien qed jorqod mal-*partner*. Huwa nsista li kien jieħu ħsieb lil ommu, u kien jixtrilha dak li jkollha bżonn.

In rieżami, huwa spjega li ġieli ġabar posta mid-dar tal-ġenituri tiegħu.

F'seduta oħra, Harold Gerada xehed li huwa kien għamel rapport għaliex kien tilef il-kartiera. Huwa eżebixxa ittri mibgħuta mis-Sigurtà Soċjali, u rapport li għamel.

In kontroeżami, huwa sostna li għadu bla ċavetta tad-dar tiegħu. Sostna li huwa spiċċa jgħix ġo garaxx taħt l-art. Sostna li l-ittri li jirċievi fid-dar fejn trabba mal-ġenituri tiegħu, qed jiġu rrifjutati.

F'seduta oħra, Harold Gerada eżebixxa żewġ ritratti datati 25 ta' Diċembru, u l-ieħor datat 5 jew 9 ta' Frar. Spjega li fl-24 ta' Diċembru, 2018, huwa mar id-dar bin-numru 36, għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħodu, u sab lil ħuh John Gerada jtaqqab il-bieb biex jagħmel stanga wara l-bieb, għaliex qallu li missieru kien qed jibża'. Spjega li lil John kien qallu biex isakkar kemm irid, imma ried iħallilu aċċess biex jidħol. Spjega li imbagħad fil-25 ta' Diċembru, isib kullimkien imsakkar, u fuq *Facebook*, ittella' dan ir-ritratt eżebit, biex jipprovokawh. Fir-rigward tal-inċident ta' Frar 2019, huwa kien mar biex juża r-remissa, li wkoll għandu nofsha, u sabha magħluqa. Spjega li huwa kellu jitlob l-intervent tal-Pulizija biex seta' jiġbor is-serkin minn hemmhekk. Sostna li ilu tliet snin isib id-dar magħl uqa. Sostna wkoll li llum-il ġurnata, twaħħlet *camera* u din twaħħlet mingħajr il-permess tiegħu.

**Marcelle Xuereb** spjegat li fil-5 ta' Frar, 2019, hi u Harold kienu għaddejjin minn quddiem id-dar tal-ġenituri ta' Harold, u raw il-garaxx miftuħ. Harold niżel għall-*Hoover*. Sostniet li Lawrence ma kienx jidher li kien hemm. Kompliet tgħid li Harold mar għall-*Hoover*, u f'daqqa waħda, semgħetu jsejħilha biex tmur għall-*powerwash*. Qalet li rat lil Harold b'idu mgħollija, u x-xiħ jimbottah. Qalet li Harold kien qiegħed biss jilqa' b'idejh. Insistiet li kien Lawrence li kien qed jimbotta. Kompliet tgħid li hija harġet il-*powerwash* u telqet 'il barra. Insistiet li hija ma kellmitx lil Lawrence.

In kontroeżami, hija kkonfermat li Lawrence Gerada qalilha biex titlaq, iżda hi ma weġbitu xejn. Qalet li din ma kinitx l-ewwel darba li Lawrence Gerada ġġieled magħ ha. Insistiet li omm Harold kienet tħobbha ħafna. Spjegat li Harold dejjem qalilha li l-*Hoover* hija proprjetà tiegħu.

**John Gerada** xehed li huwa jiġ i iben Lawrence Gerada. Qal li fl-24 ta' Diċembru, 2018, huwa ħa ritratt ma' missieru, għax kien ferħan li evita li jagħmel operazzjoni. Spjega li missieru kien ilu jgħidlu li qed jinfetaħ il-bieb bil-lejl u kien qed jibża'. Sostna li biex iserraħ moħħ missieru, kien taqqab toqba fl-art, u kien Harold stess li tah ħ adida. Sostna li Harold kien ċempillu u qallu li missieru kien biddel is-serraturi tad-dar. Insista li missieru għamel dan, biex ikun protett, għax qabel, is-serraturi ma kinux sodi. Sostna li missieru kien għamel *cameras* ukoll, tant kien qed jibża'. Spjega li Harold kien mar joqgħod ma' Marcelle madwar tliet snin. Sostna li Harold ħalla biss l-oġġetti li ma jużax kuljum. Sostna li ħuh Harold, kien urih appartament u garaxx li għ andu. Sostna li s-sitwazzjoni aggravat ruħha meta ommhom kienet l-isptar.

Sostna li ħuh kien għamel is-santi tal-mewt ta' ommu mad-dar kollha, u din kienet qed taffettwa b'mod ħażin lil missieru. Sostna li missieru kien qed jilmenta, li Harold kien qed jitfa' l-affarijiet ġewwa l-garaxx. Beda wkoll isib l-vit tal-ilma tal-magna tal-ħasil magħluq. Ikkonferma li ommu kellha l-vizzju tal-logħob. Insista li missieru kien jieħu ħsieb lil ommu meta din mardet.

In kontroeżami, huwa kkonferma li huma 4 aħwa, u li ħuh Harold, għadu ġuvni. B'referenza għar-ritratt eżebit fejn hemm imniżżel li Wenzu għamilha, huwa ried ifisser li missieru kien xorob. Sostna li s-serraturi nbidlu l-għada li ttieħed dan ir-ritratt. Ikkonferma li Harold kellu ċwievet tad-dar.

In rieżami, huwa spjega li missieru jibża' minn Harold, għax dan ġieli għamel għalih, u anke heddu.

John Gerada xehed ukoll f'seduta oħra, fejn qal li fil-5 ta' Frar, 2019, missieru kien talbu biex imur fejnu fl-Għassa ta' Ħ al Qormi. Spjega li meta mar, missieru qallu li huwa kien qiegħed ġewwa bil-bieb miftuħ, u daħal Harold, fejn qagħad quddiemu, mentri għajjat lil Marcelle sabiex tidħol tieħu xi *Hoover*. Spjega li huwa ma kienx hemm, u għalhekk jaf biss dak li qallu missieru.

In kontroeżami, huwa qal li kien missieru li mar l-Għassa jagħmel rapport, u li f'dan l-inċident, missieru ma kienx weġġa'.

**Miriam Portelli** xehdet li tiġi bint Lawrence Gerada. Spjegat li meta ommha kienet l-isptar, kien imur iżurha kulhadd. Sostniet li l-intoppi bdew meta Harold Gerada ltaqa' ma' Marcelle Xuereb. Spjegat li sa anke kienu jieħdu lil ommha tara t-tiġrijiet taż-żwiemel bil-ħarqa u bil-*wheelchair*. Sostniet li għandhom il-problemi bit-testment għaliex tgħid, li ommha ġiet imġagħla tagħmel li għamlet. Meta ħarġet mill-Isptar Karen Grech, missierha kien jieħu ħ sieb lil ommha. Kienu jiġu l-*carers* ukoll. Sostniet li Harold Gerada u Marcelle Xuereb kienu dejjem jaqbdu l-argumenti ma' missierha. Sostniet li Harold Gerada ma kienx joqgħod fid-dar tal-ġenituri tagħhom, iżda ma tafx jekk kellux oġġetti tiegħu f'dik id-dar. Sostniet li missierha kien iħossu mbeżża' minn Harold u l-*partner* tiegħu.

**Ikkunsidrat:**

L-imputazzjoni tirrigwarda r-reat ta' 'ragion fattasi'.

Illi kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament ippreseduta, l-elementi kostituttivi tar-reat ta' "ragion fattasi" taħt l-Art.85 tal-Kodiċi Kriminali, huma erbgħa, u ċioè:-

(a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi ħaġa li jkun qiegħed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppożizzjoni, espressa jew preżunta, ta' dan il-ħaddiehor;

(b) il-kredenza li l-att qed isir b'eżerċizzju ta' dritt;

(ċ) il-koxjenza fl-aġent li hu qiegħed jagħmel "*di privato braccio*" dak li jmissu jsir permezz tal-awtorità pubblika ; u

(d) n-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (Ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel magħruf bhala Charles Farrugia" [17.2.95] ; "Il-Pulizija vs. Reno Micallef" [6.6.95], "Il-Pulizija vs. Mark John Schembri"[18.9.2002], u oħrajn )

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jane D'Alfonso, intqal li:

> *"Spjanati il-fattispecje tal-kaz in dizamina jinghad illi r-reat ta' raggion fattasi, regolat mill-artikolu 85 taI-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ghandu fil-qafas tieghu s-segwenti elementi ta' dritt kif stabbiliti fil-gurisprudenza b'mod kopjuz:*
>
> *a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;*
>
> *b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;*
>
> *ċ)ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-proċess legali;*
>
> *d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi;*
>
> *Inoltre, ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja kellu. (Pulizija vs Anthony Zahra deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef Lawrenċe Quintano u datata l-20 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn Pulizija vs Mario Bezzina deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Miċhael Lungaro, deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Seded Inferjuri kif ippreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003u Pulizija vs Eileen Said deċiża mill-Qorti tal-appell Kriminali Sede Inferjuri ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata d-19 ta' Ġunju 2002.)*

*Għal dak li jirrigwarda l-kwistjoni tat-titolu u tal-pussess, jidher ukoll ċar mid-diċitura tal-liġi illi min jikkometti r-reat ta' raggion fattasi ma jistax jiġi skużat minħabba l-fatt li hu għandu titolu fuq l-oġġett jew fuq il-proprjeta' li qed jippretendi jedd fuqu/ha. Ir-reat jista' jissusisti f'kaz ta sempliċi pussess jew detenzjoni tal-oġġett kif ukoll sempliċiment meta persuna jkollha d-dritt li tgawdi jew tuża l-ħaġa jew il-proprjeta' u li hi ma tkunx tista tkompli b'dan l-użu jew tgawdija minħabba l-azzjoni ta' min ikommetta r-reat. Infatti skont il-każ fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bongailas (Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Patriċk Vella u datata 22.10.2001), il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat is-segwenti:*

*L-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl- ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux neċessarjament ukoll ilproprjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, jinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.*

*Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta' spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni.*

*Ukoll fl-appell Pulizija vs John Vassallo (Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Godwin Musċat Azzopardi u datata 22.3.1991), il-Qorti qieset illi:*

*'Taht l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali ma hemm ebda bzonn illi jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-diċitura ta' l-artikolu hija ċara u l-legislatur ċertament ried illi jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-sempliċi pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie ripetutament deċiz minn din il-Qorti,*

*anke s-sempliċi drittijiet normalment kompetenti lill-persuni konċernati.'"*

Issir referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs. Dennis Vella, deċiża fis-16 ta' Jannar 2019, fejn intqal:

*"It-tieni akkuza kontra l-imputat hija bazata fuq l-artikolu 85(1) tal-Kap 9 li jipprovdi li "Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur: - Iżda, il-qorti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, minflok il-piena hawn fuq imsemmija, tagħti l-piena tal-multa."*

*Illi l-imputat gie akkuzat bl-hekk imsejha 'ezerċizzju arbitrarju ta' pretenzjonijiet'. Din l-offiza giet klassifikata mill-legislatur taht delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u Amministrazzjonijiet ohra. Il-Professur Sir Anthony Mamo fin-Notes on Criminal Law fit-tieni volum tieghu qies dawn l-offizi bhala s-segwenti:*

*'These crimes attack the State but indirectly, inasmuch as, without being actuated by motives hostile to the Government, they proceed from other causes, often of a private character and affect those social institutions on and by which the machinery of the Government rests and moves: those institutions, that is to say, which provide the means of guaranteeing to every member of the community the integrity of his rights and those benefits which derive from the state of civil society.'*

*Fi kliem il-gurista Carrara "La ragion fattasi e' il delitto di chiunque credendo di aver un diritto sopra cosa nell'altrui possesso, o sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti."*

*Bl-introduzzjoni ta' dan l-artikolu, l-ghan ahhari tal-legislatur kien li jipprotegi l-istatus quo kontra min jiehu l-ligi b'idejh, indipendentement minn jekk l-aggressur jew il-vittma jkollux dritt jew le. Huwa artikolu intiz biex jistabilixxi l-ordni pubbliku u biex ma jhallix lil individwu privat jezerċita setgha li fl-ahhar mill-ahhar tispetta lill-awtorita pubblika. Huwa ghalhekk li l-istess artikolu jinstab fil-parti tal-Kodiċi Kriminali relatata ma' delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u Amministrazzjonijiet Pubbliċi ohra. Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Micallef, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ikkummentat hekk fuq il-portata ta' dan l-artikolu:*

*"Apparti li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement minn xulxin (Artikolu 6, Kap. 9), ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni talġustizzja, u aktar preċiżament id-delitt ta' l-użu kontra l-liġi mill-privat tas-setgħat ta' l-awtorita` pubblika. L-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali hu intiż mhux biex jipproteġi l-proprjeta`, mobbli jew immobbli, ta' dak li jkun - għal tali protezzjoni hemm l-azzjoni ċivili - iżda biex jipprevjeni l-użurpazzjoni mill-privat tassetgħat ta' l-awtorita` pubblika. Isegwi għalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni mogħtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet ċivili, jekk jirriżulta bħala fatt li kien hemm l-użurpazzjoni ravviżata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom jaġixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.*

*Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali għandhom addirittura s-seta' li jiddeterminaw kwistjonijiet ċivili inċidentali għar-risoluzzjoni tal-vertenza penali."*

*Ezami dettaljat tal-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat sar mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et preseduta mill-Imhallef W. Harding.*

*F'din is-sentenza il-Qorti tal-Appell identifikat l-erba' elementi li jridu jigu sodisfatti sabiex wiehed jkun jista' jitkellem minn sejbien ta' htija taht dan l-artikolu:*

*(a)L-att estern li jispolja lil haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni espresso jew prezunta ta' dan il-haddiehor. Il-gurista Carrara li hafna drabi jigi ċitat bhala l-pedament awtorevoli ta' dawn l-erba' elementi ta' raġion fattasi jispjega dan l-element bhala "un atto esterno ċhe spogli altri di un bene ċhe gode ..." Ikompli jghid li "Chi e' nell' attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque; perchè la legge protegge lo status quo, il quale non può variarsi tranne per consenso degl' interessati, o per decreto dell'autorità giudiciale."*

*(b)il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezerċizzju ta' dritt;*

*(ċ) il-koxjenza tal-agent li hu jkun qieghed jaghmel di private braċċio dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika jew, fi kliem il-Crivellari, "la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato";*

*(d)n-nuqqas ta' titolu li jrendi l-fatt aktar gravi.*

*L-element intenzjonali huwa importanti ferm ghaliex huwa dak li jikkwalifika dan ir-reat minn reati ohra. Fil-fatt hu ben risaput – u dan johrog anke mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina – li listess att materjali jista' jaghti lok*

*ghar-reat ta' ragion fattasi jew ghal reati ohra (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dan ir-reat ta' ragion fattasi jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk din l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni speċifika jew intenzjoni generika.*

*Fil-fatt fis-sentenzi fl-ismijiet Il-Pulizija vs Eileen Said u Il-Pulizija vs Vincent Cortis, il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet telabora li "element kostituttiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezerċita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor, per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li ssir indagini fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali inveċe jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu it-tgawdija taghha."*

*Mhuwiex il-kompitu tal-Qorti ta' Gudikatura Kriminali li tidhol u tezamina l-kwistjoni dwar jekk il-proprjeta` hijiex tal-kwerelant jew le. Ghall-fini tar-reat ipotizzat fl-artikolu 85(1) huwa suffiċjenti li  kwerelant jgib il-prova li huwa ghandu xi forma ta' pussess jew inkella detenzjoni.*

*...L-istess prinċipju gie rijaffermat fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Joseph Attard. Il-Qorti sahqet li: "Ir-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni huwa dak ta' delitt ta' uzu mill-privat kontra l-ligi tas-setghat ta' l-Awtorita` Pubblika. Ghas-sussistenza ta' l-ipotesi tal-ligi skond l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali bazikament dak li jrid jigi determinat huwa jekk il-kwerelanti kellux pussess tutelabbli tal-passagg, li seta' jikkonsisti sew minn pussess materjali, sew minn wiehed ta' detenzjoni."*

*Ghalhekk ai fini ta' dan ir-reat u ċioe dan ta' ragion fattasi il-pussess materjali jew detenzjoni huwa suffiċjenti. Dan*

*gie rikonoxxut ukoll fis-sentenzi fl-ismijiet Il-Pulizija v. Mario Bezzina u Il-Pulizija v. John Cassar et. Fl-ewwel sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet li: "Għall-finijiet tar-reat ta" ragion fattasi "il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu suffiċjenti għall-avverament tal-ipotesi tal-liġi" (ara appell kriminali Il-Pulizija v. George Zahra). Min ikollu oġġett misluf lilu għat-tgawdija tiegħu għandu il-pussess materjali ta"dak l-oġġett. Taħt l-artiklu 85 tal-Kodiċi Kriminali ma hemm ebda bżonn li jiġi pruvat xi element ta" pussess aktar sostanzjali minn hekk"*

*Jehtieg wkoll li jkun hemm l-oppozizzjoni taċita jew espressa tal-persuna l-ohra. L-agent irid ikun jaf li dik il-persuna ghandha t-tgawdija ta' dak id-dritt u li dik il-persuna qed topponi espressament jew tipprezumi li ser topponi ghat-tnehhija ta' dak id-dritt. Din l- oppozizzjoni hija rikjesta sine qua non.*

*Fl-ahhar nett kif irriteniet ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali filkawza Il-Pulizija vs Gona Caruana suċitata "sabiex jirrizulta r-reat ta' ragion fattasi, l-intenzjoni sabiex jigi ezerċitat dritt pretiz ghandu jkun akkompanjat bl-intenzjoni li dak li ghamel ghamlu billi agixxa bla ma ghamel rikors lejn l'awtorita Pubblika. Minkejja li l-kelma 'intenzjonalment' ma tinsabx fil-kliem tal-ligi, m'hemmx dubju li jrid ikun hemm tali ntenzjoni ghall-esistenza ta' dan ir-reat."*

Din il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Gemma Debono, fis-6 ta' Jannar 2021, li kienet tirrigwarda kwistjoni simili għal din odjerna, fejn intqal:

*"Illi l-ewwel u qabel kollox sabiex jissussisti r-reat irid jkun hemm dak l-att spoljattiv li permezz tieghu l-awtur tieghu jfixkel jew jiddisturba l-uzu, tgawdija jew pussess tal-parti leza u allura iċaqlaq l-istatus quo u dan billi jippretendi li ghandu xi jedd skont il-ligi. Infatti din il-Qorti kif diversament ippresjeduta flappell fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bongailas (Qorti tal-Appell Kriminali Sede*

*Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u datata 22.10.2001), hekk stqarret:*

*L-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali li jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux neċessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.*

*Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik innhar li sar dan l-allegat att ta'spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni.*

*Dan ghaliex (Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs John Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef William Harding u datata l-24 ta' Ġunju 1961):*

*'id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezerċita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu'.*

*Issa l-kontestazzjoni ewlenija li qed tigi ventilata mill-appellanti tistrieh fuq il-fatt illi l-garaxx ghalkemm huwa indikat b'numru separat bhala 320, Triq l-Imdina Hal Qormi, ghad-differenza ta' dak tar-residenza indikat bhala numru 322 fl-istess triq, jifforma parti integrali mill-imsemmija residenza u allura il-jedd ta'l-uzu u abitazzjoni li hija tgawdi jestendi ukoll ghall-istess, b'dan ghalhekk illi*

*l-parti leza ma jistax ifixkilha fit-tgawdija ta'l-istess ghalkemm huwa wiehed mill-kopropjetarji.*

*Illi mill-fatti probatorji jirrizulta bla dubbju ta' xejn u bl-aktar mod oggettiv, konkret u fattwali li l-garaxx de quo jifforma parti integrali mid-dar bin-numru 322 Triq l-Imdina, Hal Qormi mhux minhabba xi intervent sussegwenti imma ezatt kif konċepit fil-kostruzzjoni originali tieghu mill-awtur tal-ko-litigandi. Il-bieb tieghu inghata numru differenti mid-dar mill-awtoritajiet u mhux ghaliex dan huwa xi fond distint u separat. Dan stabbilit, madanakollu, din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' indoli penali ma ghandhiex setgha tistharreg kwistjonijiet ta' natura ċivili, u ċioe' jekk il-jedd ta' uzu u abitazzjoni jestendiex ghal garaxx ukoll, izda biss ghandha tistharreg jekk l-elementi li johorgu mir-reat mahsub fl-artikolu 85 jissussistux u kwindi jekk kienx jezisti xi stat ta' fatt li unilateralment gie imfixkel mill-appellanti, indipendentement mill-estensjoni tal-jedd ta' uzu u abitazzjoni li hija tgawdi.*

*Illi mix-xiehda tal-parti leza Justin Debono jirrizulta illi ghalkemm huwa ma juzax l-ambjenti fejn l-appellanti tirrisjedi u ċioe' d-dar tal-abitazzjoni bin-numru 322, madanakollu jishaq illi huwa baqa' jaghmel uzu kontinwu tal-garaxx b'dan illi kien izomm hemmhekk it-trukkijiet u l-ghodda li huwa juza ghax-xoghol tieghu. Tishaq l-appellanti, izda, fix-xiehda taghha illi huha Justin Debono ma baqax jaghmel uzu mill-garaxx ghax-xoghol tieghu meta hareg bil-pensjoni. Tghid illi fil-garaxx hemm biss imbarazz u trukk appartenenti lil huwa l-iehor u mhux lil parti leza u li l-uniku haga li tinsab fil-garaxx appartenenti lil parti leza huwa bieb ta' barra antik taddar tieghu li hallieh f'dan il-garaxx meta ghamel wiehed gdid. Jirrizulta madanakollu ex admissis minn dak li tixhed l-appellanti illi hutha s-subien biss, inkluz allura il-parti leza, minn dejjem kellhom ċavetta ghal garaxx sa minn meta dan kien inbena u hi kienet taghtihom aċċess liberu ghall-istess. Waqqfet taghmel dan meta giet derubata ghal darba*

*darbtejn u ghalhekk biddlet is-serratura kemm tad-dar ta' residenza kif ukoll tal-garaxx peress illi dan jinfed mad-dar u jifforma parti integrali mill-istess. Meta ghamlet dan, madanakollu hija ma ghaddietx kopja ta' din iċ-ċavetta lil parti leza u iddeċidiet minn jeddha illi tikkonċedi l-aċċess biss bi pjaċir taghha. Illi L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp ċivili dwar l-aċtio spolii – huwa li tipprotegi l-istatus quo (Il-Pulizija vs Jane Sċiċluna App.Inf. 09/02/2010).*

***Issa immaterjalment mill-jeddijiet ta' natura ċivili li tgawdi l-appellanti fuq din il-proprjeta, jirrizulta inkonfutabbilment illi l-parti leza sa minn meta gie mibni l-fond kellu ċavvetta tal-garaxx tant illi qabel ma rtira kien juza l-istess fix-xoghol tieghu*** *u llum ghalkemm irtirat ghad ghandu oggetti mahzuna hemm gew u wkoll ghandu fil-pussess tieghu, kif kellu minn dejjem, ċ-ċavetta ghal dan il-garaxx, sabiex saljum meta l-appellanti biddlet is-serratura tal-istess huwa kellu aċċess liberu ghalih.* ***Dan ifisser illi l-appellanti unilaterlament biddlet dan l-istatus quo. Issa huwa inutli ghaliha li tghid li dan ghamlitu ghaliex giet misruqa f'iktar minn okkazzjoni wahda u dan ghaliex ghalkemm kellha kull jedd tbiddel din is-serratura,*** *madanakollu kellha tara li terga' tghaddi kopja taċ-ċavetta lil huha biex b'hekk listat ta' fatt pre-ezistenti ghal dawn l-avvenimenti ma jigix mibdul.* ***Huwa dan li jfittex li jhares l-legislatur meta fassal ir-reat tal-hekk imsejjah raggion fattasi u mhux li jissalvagwardja xi jeddijiet ta' tgawdija jew inkella ta' proprjeta. Dawn ghandhom jigu determinati fil-fora ċivili u mhux quddiem din il-Qorti."*** *(enfazi mizjud minn din il-Qorti).*

**Ikkunsidrat:**

**Evalwazzjoni fil-mertu**

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, ġie ppruvat li kien l-istess imputat li bl-aġir tiegħu, impedixxa l-aċċess għall-ambjenti in kwistjoni, lil Harold Gerada. B'dan l-aġir fejn ġew mibdula s-serraturi, u fil-garaxx giet impoġġija stanga wara l-bieb (minn John Gerada fuq struzzjonijiet u ordni tal-imputat), Harold Gerada ġie prekluż milli jaċċedi f'dawn l-ambjenti. Għaldaqstant, l-imputat assuma b'idejh, mansjoni li l-liġi tirriżerva għall-Qrati fl-artikoli fuq ċitati.

Ma hemmx dubju li l-imputat għamel att estern li bih impedixxa lil Harold Gerada, minn dritt li kien igawdi, ċioè dak li jkollu aċċess liberu għall-proprjetà in kwistjoni. Il-fatt li l-imputat huwa proprjetarju ta' sehem minn tali proprjetà, u anke jekk addirittura kellu jkun proprjetarju esklussiv ta' din l-istess proprjetà, il-fatt jibqa' li Harold Gerada kellu pussess ta' dawn l-ambjenti. Qabel ma' seħħ dan l-akkadut, Harold Gerada kellu ċ-ċwievet ta' dawn l-ambjenti, u kellu oġġetti proprjetà tiegħu, ġewwa dawn l-ambjenti. Kien ukoll immur ġo dawn l-ambjenti b' mod regolari. Id-difiża tishaq li l-imputat għandu d-dritt ta' użu u abitazzjoni fid-dar matrimonjali, u li Harold Gerada kien mar jabita mal-*partner* tiegħu, u li għalhekk kien abbanduna din id-dar. Mill-provi prodotti, iżda, din il-Qorti rriżultalha, anke mix-xhieda stess ta' ħut Harold Gerada, li Harold Gerada kien imur ta' spiss ġewwa dawn l-ambjenti. Irriżulta wkoll mix-xhieda ta' ħut Harold Gerada, li meta kien imur f'dawn l-ambjenti, dejjem kien jinqala' xi argument bejn l-imputat u Harold Gerada. Għalhekk, il-fatt li l-imputat kien jiddejjaq bil-fatt li Harold Gerada u l-*partner* tiegħu kienu deħlin u ħerġin x'hin iridu f'dawn l-ambjenti, sal-punt li skont il-provi, addirrittura, kien jibża', dan xorta waħda ma jagħtix id-dritt lill-imputat li jostakola lil Harold Gerada milli jidħol f'dawn l-ambjenti. Kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament ippreseduta fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Salvina k/a Silvia Incorvaja" [25.7.1994], fejn si trattava ta' konjuġi li qaflet lil żewġha barra mid-dar taż-żwieġ, meta ċaħdet l-appell tal-imputata :-

> *"L-artikolu 85….hu mhux intiz biex jipprotegi l-proprjeta', mobbli jew immobbli, ta' dak li jkun izda biex jipprevjeni l-uzurpazzjoni mill-privat tas-setghat tal-awtorita' pubblika" (Ara ukoll f' dan is-sens l-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Carmelo Galea" [4.11.2002])."*

Illi hu ovvju ukoll li l-imputat kien konsapevoli mill-oppożizzjoni ta' Harold Gerada, liema dissens ġie muri minnufih, malli dan induna li ma setgħax jidħol f'dawn l-ambjenti, u li saħansitra wasslu biex għamel dan ir-rapport mal-Pulizija.

Dwar l-element formali ta' dan ir-reat, fis-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2002, mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, fl-ismijiet, Pulizija vs Angelo Pace,t intqal li l-element formali rikjest skon il-liġi, jikkonsisti filli l-aġent ikun għamel dak li għamel bil-ħsieb "*…biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu"* (ara, fost diversi sentenzi ta' din il-Qorti, Il-Pulizija v. Mario Lungaro, 15 ta' Novembru, 1996). Il-Qorti spjegat li l-Prosekuzzjoni kellha tipprova, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, li dak li għamel l-imputat – ċioè li jieħu ċ-ċwievet tal-vettura li kienet issuq il-mara tiegħu, kif ukoll il-pjanċi tal-istess vettura – għamlu biss biex jeżerċita jedd li hu kien jippretendi li għandu fuq dawk iċ-ċwievet u pjanċi, u mhux biex jagħmel xi ħsara lill-istess martu. Ġie kkwotat Crivellari, fejn qal li jrid ikun hemm fl-aġent "*la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato*", Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc. Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749. F'dak il-każ, il-Qorti kkonkludiet li mill-provi li ressqet l-istess Prosekuzzjoni, jidher ċar li dak li għamel l-appellant, ma għamlux għax hu kien jemmen li kellu xi dritt jagħmel hekk, iżda sempliċement biex jivvessa lil martu. Kien għalhekk li l-Qorti, f'dak il-każ laqgħet l-appell, u ma sabitx lill-imputat ħati tar-reat ta' ragion fattasi.

Fil-każ odjern, għal dak li jirrigwarda l-element formali, fix-xhieda mogħtija mill-imputat, u anke mix-xhieda l-oħra prodotti, jirriżulta b'mod ċar, li dan l-aġir sar bil-għan, li Harold Gerada ma jidholx iktar f'dawn l-ambjenti. L-imputat ħa din l-azzjoni biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, in vista tal-fatt li huwa għandu d-dritt ta' użu u abitazzjoni f'dawn l-ambjenti, abbażi tal-fatt, li kien hu li bena u ħareġ l-ispejjeż għal bini/akkwist ta' dawn l-ambjenti, u abbażi tal-fatt li skont l-istess imputat, Harold Gerada ma għandu xejn, u li t-testment li sar minn martu, kien qed jiġi attakkat fi proċeduri oħra ċivili.

Jirriżulta wkoll pruvat li mhux ikkontestat, li Harold Gerada kellu ċwievet ta' dawn l-ambjenti. Illi kien fid-dmir tal-imputat, li hekk kif biddel is-serraturi tal-bibien, jew hekk kif għamel l-istanga wara l-bieb tal-garaxx, huwa jgħaddi kopja taċ-ċavetta l-ġdida lil ibnu, Harold Gerada. In-nuqqas li jagħmel dan, wassal sabiex huwa volutament, ċaħħad lil ibnu mit-tgawdija ta' dawn l-ambjenti in kwistjoni, allavolja jista' jkun li tali tgawdija, ma kinitx daqstant frekwenti daqs kemm kienet preċedentement, qabel ma' beda r-relazzjoni tiegħu ma' Marcelle Xuereb.

Konsegwentement, fil-fehma ta' din il-Qorti, jidher li l-elementi kostitutivi tar-reat ta' raggion fattasi, ġew sodisfatti.

**Decide**

Għall-motivi spjegati aktar 'il fuq, wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu. Qiegħda tikkundanna lill-imputat, Lawrence Gerada, għal multa ta' mija u ħamsin Ewro (€150.00). Inoltre, il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali, qiegħda tordna lill-imputat, jgħaddi ċwievet tal-bieb u tal-garaxx tal-proprjetà bin-numru, 36, St Anthony, Triq it-Tin, Ħal Qormi, kif ukoll ineħħi l-istanga li saret wara l-bieb tal-garaxx ta' dan l-istess post, u dan fi żmien tlett ijiem mil-lum, taħt ammenda ta' għaxar euro (€10.00) kuljum, għal kull ġurnata ta' ritard.

Maġistrat Dr. Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Reġistratur